# Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum*

# 2005

# RELIĠJON

TIKTEB XEJN F’DAN L-ISPAZJU

**A. Imla l-vojt b’dan il-kliem. Kull kelma tista' tużaha darba biss.**

(10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jeżisti | Alla | qdusija | moħħ | ġilji |
| jitgħammed | dnub | lilna | Spirtu | għaref |

1. Lil Alla ma narawhx għaliex Hu ________________.
2. Il-ħolqien kollu jixhed li Alla ________________ verament.
3. Meta nistudjaw ix-xjenza nindunaw li Alla hu ________________.
4. Meta naraw il-kobor ta’ l-univers nindunaw li ________________ hu kbir bla qies.
5. Alla jħobb u jieħu ħsieb il-ħolqien kollu, sa l-għasafar u l-________________.
6. Alla jħobb ħafna ________________ l-bnedmin u tana ruħ tixbaħ lilu.
7. Lill-bnedmin Alla tahom ________________ biex jifhmu u qalb biex iħobbu.
8. Meta l-bniedem qal ‘le’ lil Alla bid-________________, Alla bagħat lil Ibnu biex isalvah.
9. Min jaċċetta lil Ġesù, u ________________, isir iben Alla.
10. Aħna rajna l-________________ ta’ Alla fl-imħabba kbira tiegħu.

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-quddiesa.** (15-il marka)

1. Kif nħejju ruħna fil-bidu tal-quddiesa biex niltaqgħu ma’ Alla?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

2. Għaliex waqt il-quddiesa nagħmlu l-qari mill-Bibbja?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

3. Għaliex il-quddiesa hi l-aktar talba importanti għalina l-insara?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. Kif għandna nħejju ruħna biex nitqarbnu kif jixraq? Ikteb tliet punti.

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

5. Qabel it-tqarbin, is-saċerdot jgħid it-talba li għallimna Ġesù. Ikteb din it-talba.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (6 marki)

**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi fuq is-sena tal-Knisja.** (20 marka)

1. L-Avvent huwa żmien

_______________________________________________

2. Il-festa tal-Epifanija tfisser

_______________________________________________

3. Ġesù ried li l-insara jkunu ħaġa waħda bejniethom u għalhekk fil-ġimgħa qabel il-25 ta' Jannar, il-Knisja trid li nitolbu biex

_______________________________________________

4. Il-festa ta' San Pawl fl-10 ta' Frar hi importanti għal l-insara Maltin għax

_______________________________________________

5. Semmi żewġ eżempji kif aħna nħejju ruħna fir-Randan għall-festa ta' l-Għid.

_______________________________________________

6. Il-festa tal-Għid hi l-akbar festa tagħna l-insara għax

_______________________________________________

7. Fil-festa tal-Pentekoste aħna nfakkru

_______________________________________________



8. Fil-festa tat-Trinità Qaddisa, aħna nagħtu qima lit-Tliet Persuni li huma

_______________________________________________________________.

9. Żewġ festi tal-Madonna li niċċelebraw matul is-sena tal-Knisja huma

_______________________________________________________________.

10. Fl-aħħar Ħadd tas-sena tal-Knisja aħna niċċelebraw il-festa ta'

_______________________________________________________________.

**D. Daħħal dan il-kliem jew frażijiet biex tkompli s-sentenzi.** (10 marki)

**Liturġija tal-Ewkaristija.**
**Ittri ta' l-Appostli.**
**s-Salm Responsorjali.**
**Testment il-Qadim.**
**it-Talba tal-Fidili.**
~~**l-Liturġija tal-Kelma.**~~

**il-Kredu.**
**l-artal.**
**Evanġelju.**
**l-omelija.**
**l-ambone.**



| | | |
|---|---|---|
| 1. | L-ewwel parti tal-quddiesa nsejħulha | **l-Liturġija tal-Kelma.** |
| 2. | It-tieni parti tal-quddiesa nsejħulha | |
| 3. | Il-post minn fejn tinqara l-Kelma t'Alla hu | |
| 4. | Il-post fejn isir is-sagrifiċċju tal-ħobż u l-inbid hu | |
| 5. | L-ewwel qari fil-quddiesa tal-Ħadd ikun mit- | |
| 6. | It-tieni qari fil-quddiesa tal-Ħadd ikun mill- | |
| 7. | Bejn l-ewwel u it-tieni qari ngħidu | |
| 8. | It-tielet qari jkun mill- | |
| 9. | Is-saċerdot iwasslilna l-messaġġ li jrid jagħtina Alla fil-qari waqt | |
| 10. | Wara, nistqarru l-fidi tagħna billi ngħidu flimkien | |
| 11. | Fi tmiem l-ewwel parti tal-quddiesa aħna nresqu quddiem Alla t-talb tagħna waqt | |

**E. Aqra din is-silta mid-djarju ta' John u wieġeb il-mistoqsijiet**

(10 marki)



**Mid-djarju ta' John**

Illum miet raġel famuż. La kien xi mexxej, la tabib u lanqas xi sportiv. Lanqas ma kellu xi negozju. Għalija kien wisq aqwa minn hekk. Kien missieri.

F'ħajtu m'għamel xejn kbir biex iġibuh fil-gazzetti. Lanqas kien juri fehmtu fuq it-televixin jew bil-kitba. Kien iħallas il-kontijiet tiegħu fil-ħin. Kull filgħodu kien jisma' l-quddiesa qabel imur għax-xogħol. Kien ikun għax-xogħol fil-ħin, u qatt ma skarta d-dmirijiet tiegħu. Nhar ta' Ħamis kien jieħu lil ommi bil-karozza biex jagħmlu x-xirja. Kien jgħin lili u lil oħti fil-*homework* u kull filgħaxija kien isib ftit ħin biex nitkellmu fuq elf ħaġa, bħall-futbol, bolli, l-iskola, l-eżamijiet, il-ħwejjeġ, il-ħbieb u l-festa tar-raħal. Qabel immorru norqdu konna nitolbu flimkien ma' ommi u oħti. Nhar ta' Sibt wara nofsinhar konna mmorru nilagħbu l-futbol. Imma qatt ma kellu ħin għal xi xogħol ieħor wara l-ħin. Qatt ma ħa l-*hobbies* tiegħu bis-serjetà. Dejjem kien isib x'jagħmel id-dar.

Dal-lejl hu l-ewwel lejl tiegħi mingħajru u ma nafx x'ser naqbad nagħmel bija nnifsi. Nirringrazzja lil Alla li tani lil missieri għal ħdax-il sena. Jien kuntent li kelli x-xorti nurih kemm inħobbu, għalkemm mhux dejjem qbilna f'kollox.

Missieri miet bi tbissima fuq xufftejh. Kien jaf tajjeb li għamel suċċess bħala raġel miżżewweġ, bħala missier, u bħala ħabib. Ma nafx kemm hawn miljunarji li kellhom suċċess bħal dan.

1. Missier John kien raġel tajjeb. Semmi tliet eżempji tajba li dan il-missier kien jagħti lil ibnu.

   ____________________________________________________

   ____________________________________________________

   ______________________________________________ (3 marki)

2. Aħna l-insara nuru rispett kbir lejn il-mejtin tagħna. Kif nuru dan ir-rispett?

   ____________________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

3a. X'insejħu lil dawk il-mejtin li meta kienu fid-dinja għexu tajjeb kif irid Alla?

   ____________________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

b. Meta nagħmlu l-festa lil dawn in-nies?

_______________________________________________ (marka)

4. X'kien is-suċċess li għamel lil missier John famuż?

_______________________________________________ (marka)

5. Missier John kien iwettaq tajjeb id-dmirijiet tiegħu. Semmi tliet dmirijiet tiegħek li għandek twettaq biex int ukoll tkun tifel tajjeb jew tifla tajba.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

**F. Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet.** (15-il marka)

**Ħalliel bil-lejl**

Fl-art ta' Iżrael kien hemm il-ħallelin, imma ma kienx hemm pulizija. Kienu jisirqu saħansitra d-djar tal-fqar. Il-ħallelin kienu jidħlu minn toqob kbar li kienu jagħmlu fil-ħitan.

Il-ħalliel kien jiġi bil-lejl, meta kien ikun id-dlam u kulħadd ikun rieqed. Kien ikun jaf fejn il-fqir kien jaħbi l-ftit flus li kien ifaddal. Għalhekk kien jistenna l-jum meta l-fqir ikun barra minn daru biex jidħol u jisirqu.

"Kieku sid id-dar kien jaf x'ħin kien se jiġi l-ħalliel kien jibqa' mqajjem u jogħqod għassa," qal Ġesù lid-dixxipli tiegħu, "Kunu dejjem għassa, attenti u lesti."

Ġesù ġie fid-dinja biex jerġa' iħabbibna mal-Missier u jwassalna għandu. Ġesù kien jaf li kien wasal iż-żmien li jerġa' lura għand Missieru. Hu tkellem fuq il-mewt u l-qawmien tiegħu u fuq il-miġja tiegħu fl-aħħar tad-dinja. Lill-appostli widdibhom li kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna perikli u tbatija. Widdibhom ukoll dwar diżastri naturali u sinjali fis-sema li jidhru fid-dinja qabel il-miġja tiegħu fil-glorja bħal ġuħ, gwerer u mard.

Widdibhom biex ikunu dejjem lesti għaliex it-Tieni miġja tiegħu kellha tkun,"bħal ħalliel bil-lejl."

1. Liema tliet miġjiet ta' Ġesù nfakkru fl-Avvent?

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

2. Ġesù tana xi sinjali li se jidhru qabel l-aħħar miġja tiegħu. Semmi tlieta minnhom.

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

3. Għaliex Ġesù xebbaħ l-aħħar miġja tiegħu ma' ħalliel?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

4. Ġesù ħabbar lill-appostli li ma kienx se jkun faċli li jimxu warajh. X'kien se jiġrilhom?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

5. Illum ukoll mhux faċli li nimxu kif irid Ġesù. Spjega żewġ affarijiet li jfixkluna milli ngħixu kif irid Ġesù.

______________________________________________________________

____________________________________________________ (2 marki)

6. X'ried jgħallimna Ġesù b'din l-istorja?

______________________________________________________________

____________________________________________________ (2 marki)

7. Kif għandna nħejju ruħna għall-aħħar miġja ta' Ġesù? Agħti tliet eżempji.

______________________________________________________________

____________________________________________________ (3 marki)

**Ġ. Ġesù għadu jaħdem fid-dinja bis-sagramenti. Kompli dawn is-sentenzi fuq il-ħidma ta' Ġesù fis-sagramenti.** (5 marki)

1. Fis-sagramenti, l-aktar fil-quddiesa, Ġesù ____________________________
2. Meta rċevejna l-magħmudija, Ġesù ________________________________
3. Meta nqerru sewwa, Ġesù ______________________________________
4. Meta nitqarbnu, Ġesù _________________________________________
5. Meta rċevejna l-Griżma, Ġesù __________________________________



**G. Ikteb 10 sentenzi dwar l-Ewkaristija.** (15-il marka)

Dawn il-mistoqsijiet u l-istampi jistgħu jgħinuk.

| | |
|---|---|
| 1. Min waqqafha? | 2. Meta waqqafha? |
| 3. Kif waqqafha? | 4. Għaliex għamilha? |
| 5. Kif niċċelebrawha? | 6. X'bidla ssir fiha? |
| 7. Kif għandna nġibu ruħna fiha? | 8. Meta niċċelebrawha? |
| 9. Kif inqimuha? | 10. Liema festi speċjali huma marbutin magħha? |







TMIEM IL-KARTA